

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1215****tal-21 ta' Awwissu 2020****li jagħmel importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku") u, b'mod partikolari, l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li informat lill-Istati Membri,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' notifika ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* <sup>(2)</sup> ("in-notifika ta' bidu"), il-ftuħ ta' proċediment anti-dumping fir-rigward ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ir-"RPĊ") wara lment imressaq fit-3 ta' Jannar 2020 minn European Aluminium ("l-ilmentatur" jew "EA") fisem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-estrużjonijiet tal-aluminju.

**1. PRODOTT SOĠĠETT GħAR-REĠISTRAZZJONI**

- (2) Il-prodott soġġett għar-reġistrazzjoni ("il-prodott ikkonċernat") huwa żbarri, vireg, profili (vojta jew le), tubi, pajpijiet; mhux immuntati; kemm jekk ippreparati għall-użu fi strutturi (eż. maqtugħin għall-qies, imtaqqbin, mgħawwġa, iċċanfrinati, bil-kamin); magħmula minn aluminju, legat jew le, li fiha mhux iktar minn 99,3 % ta' aluminju ("il-prodott investigat"), b'oriġini mir-RPĊ.
- (3) Il-prodotti li ġejjin mhumiex koperti:
  - (i) prodotti mehmużin (pereżempju b'iwweldjar jew bi qfili) biex jiffurmaw subassemblaġġi;
  - (ii) tubi u pajpijiet iwweldjati;
  - (iii) prodotti f'kit imballat bil-partijiet meħtieġa biex jiġi assemblat prodott finali mingħajr irfinar jew fabrikazzjoni ulterjuri tal-partijiet ("kit tal-oġġetti lesti").
- (4) Il-prodott ikkonċernat bħalissa huwa kklassifikat taħt il-kodiċijiet NM ex 7604 10 10, ex 7604 10 90, 7604 21 00, 7604 29 10, 7604 29 90, ex 7608 10 00, 7608 20 81, 7608 20 89 u ex 7610 90 90 (il-kodiċijiet TARIC 7604 10 10 11, 7604 10 90 11, 7604 10 90 25, 7604 10 90 80, 7608 10 00 11, 7608 10 00 80, 7610 90 90 10). Il-kodiċijiet NM u TARIC jinġhataw għall-informazzjoni biss.

**2. TALBA**

- (5) Fit-23 ta' Ġunju 2020, l-ilmentatur ippreżenta talba għar-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku. L-ilmentatur talab li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru soġġetti għar-reġistrazzjoni sabiex sussegwentement ikunu jistgħu jiġu applikati miżuri kontra dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' tali reġistrazzjoni, dment li jkun ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament bażiku.

**3. RAĠUNIJET GħAR-REĠISTRAZZJONI**

- (6) F'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tista' tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali biex jieħdu l-passi xierqa għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, sabiex il-miżuri jkun jistgħu jiġu applikati sussegwentement fuq dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' din ir-reġistrazzjoni, dment li l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament bażiku jkun ssodisfati. L-importazzjonijiet jistgħu jsiru soġġetti għar-reġistrazzjoni wara talba mill-industrija tal-Unjoni li jkun fiha biżżejjed evidenza biex tiġġustifika din l-azzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

<sup>(2)</sup> ĠU C 51, 14.2.2020, p. 26.

- (7) Skont l-ilmentatur, ir-reġistrazzjoni hija ġġustifikata billi l-prodott ikkonċernat qed ikun l-oġġett ta' dumping. Qed ikun ikkawżat dannu sinifikanti għall-industrija tal-Unjoni kaġun ta' żieda fl-importazzjonijiet f'termini ta' sehem mis-suq bi prezzijiet baxxi li se jimminaw l-effett ta' rimedju tad-dazji definittivi potenzjali.
- (8) Il-Kummissjoni eżaminat it-talba fid-dawl tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni vverifikat jekk l-importaturi kinux akkonoxxenza, jew jekk kellhomx ikunu akkonoxxenza, tad-dumping fir-rigward tal-livell tad-dumping u d-dannu allegat jew misjub. Analizzat ukoll jekk kienux hemm żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet li, fid-dawl ta' meta seħħet u l-volum u ċirkostanzi oħra, x'aktarx imminat serjament l-effett ta' rimedju tad-dazju anti-dumping definittiv li għandu jiġi applikat.

### 3.1. Il-konoxxenza tal-importaturi tad-dumping, il-livell tiegħu u d-dannu allegat

- (9) Fir-rigward tad-dumping, f'dan l-istadju l-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ qed ikunu oġġett ta' dumping.
- (10) B'mod partikolari, l-ilmentatur ipprova evidenza ta' dumping abbażi ta' paragon tal-valur normali maħdum abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u l-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, stabbilit f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, mal-prezz tal-esportazzjoni (fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika) tal-prodott ikkonċernat meta mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Abbażi ta' dan, il-marġinjiet tad-dumping ikkalkulati huma sinifikanti għar-RPĊ, jiġifieri, sa massimu ta' 37 %.
- (11) Din l-informazzjoni kienet tinsab fin-notifika ta' bidu.
- (12) Fir-rigward ta' din il-kundizzjoni, importatur wieħed mhux relatat oppona r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet mitluba u rrimarka li l-preżenza ta' passat ta' dumping ma setgħetx tiġi stabbilita għaliex l-investigazzjoni għadha għaddejjja.
- (13) Madankollu, l-Artikolu 10(4)(c) ma jirrikjedix passat ta' dumping. Minflok, jirrikjedi passat ta' dumping jew li l-importatur kien akkonoxxenza, jew kellu jkun akkonoxxenza, tad-dumping.
- (14) Permezz tal-pubblikazzjoni tan-notifika ta' bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, l-importaturi ġew akkonoxxenza, jew tal-anqas kellhom ikunu akkonoxxenza tad-dumping. In-notifika ta' bidu hija dokument pubbliku aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha, b'mod partikolari l-importaturi. Barra minn hekk, bħala partijiet interessati fl-investigazzjoni, l-importaturi għandhom aċċess għall-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li, f'dak il-mument, l-importaturi kienu akkonoxxenza, jew kellhom ikunu akkonoxxenza, tal-prattiki allegati ta' dumping, il-livell tagħhom u d-dannu allegat.
- (15) L-ilmentatur ipprova evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott investigat mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu kumplessivament f'termini assoluti u f'termini ta' sehem mis-suq. L-evidenza pprovduta mill-ilmentatur turi li matul il-perjodu minn Marzu sa Mejju 2020, il-volum u l-prezzijiet tal-prodott importat ikkonċernat kellhom, fost konsegwenzi oħrajn, impatt negattiv fuq il-kwantitajiet mibjugħa u fuq il-livell tal-prezzijiet imposti kif ukoll fuq is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, li rriżultaw f'effetti negattivi sostanzjali fuq il-prestazzjoni kumplessiva tal-industrija tal-Unjoni.
- (16) B'hekk il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ewwel kriterju għar-reġistrazzjoni kien issodisfat.

### 3.2. Żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet

- (17) Fit-talba tiegħu għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, l-ilmentatur ipprova evidenza ta' żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet. Għal dak l-għan, l-ilmentatur uża l-metodoloġija deskritta fl-ilment biex jikkalkula l-importazzjonijiet tal-volumi matul il-perjodu minn Marzu sa Mejju 2020 u qabbel dawk il-kwantitajiet mal-istess xhur fl-2019. F'konformità mal-metodoloġija użata fl-ilment, il-kodiċijiet NM ikkunsidrati kienu 7604 21 00, 7604 29 10, 7604 29 90, 7608 20 81, 7608 20 89 u ex 7610 90 90. Għall-aħħar kodiċi NM, l-ilmentatur żamm l-istima tiegħu li 95 % tal-volumi taħt dan il-kodiċi kienu kostitwiti mill-prodott ikkonċernat.

- (18) Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni analizzat jekk il-volumi tal-importazzjonijiet mir-RPĊ għandhomx jiġu kkalkulati skont il-metodoloġija spjegata hawn fuq (jiġifieri dik tal-ilment), jew jekk metodoloġija oħra għandhiex imnejn tkun aktar adattata. Għal dan l-għan, intalbu kummenti u informazzjoni mill-partijiet interessati, u d-DĠ TAXUD u l-awtoritajiet doganali nazzjonali ntalbu jinvestigaw u jipprovdu l-informazzjoni. Il-Kummissjoni qed teżamina wkoll id-*data* TARIC kunfidenzjali biex tistabbilixxi r-rilevanza tagħha għall-analiżi. Din il-parti tal-investigazzjoni anti-dumping tinsab għaddejja bħalissa. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnutat li l-importazzjonijiet taħt il-kodiċijiet NM addizzjonali msemmija fin-notifika ta' bidu (ara wkoll il-premessa (4)) kienu negliġibbli (?). Għaldaqstant, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni kkunsidrat li huwa xieraq li fl-analiżi ta' din it-talba jiġi eżaminat ir-rekwiżit taż-żieda fl-importazzjonijiet vis-à-vis l-kodiċijiet NM issuġġeriti mill-ilmentatur u abbażi ta' żewġ xenarji. L-ewwel xenarju jikkunsidra l-metodoloġija deskritta fl-ilment u juża s-sitt kodiċijiet NM u t-tieni xenarju juża l-istess kodiċijiet NM li jissemmew hawn fuq, iżda jeskludi l-kodiċi NM ex 7610 90 90. Iż-żewġ metodoloġiji jużaw *data* tal-kodiċijiet NM bi 8 ċifri fid-dawl tal-analiżi li għaddejja bħalissa.
- (19) Bl-użu tal-ewwel metodoloġija (jiġifieri dik tal-ilment), skont l-informazzjoni pprovduta fit-talba u kontroverifikata mill-Kummissjoni mad-*data* miżmuma fil-fajl dwar il-każ, il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni naqas f'termini assoluti b'madwar 17 % matul il-perjodu minn Marzu sa Mejju 2020 meta mqabbel mal-istess xhur fl-2019. Dan jidher li huwa konformi mat-tnaqqis ġenerali tal-importazzjonijiet u l-konsum fil-perjodu minn Marzu sa Mejju 2020 minħabba ċ-ċirkostanzi tas-suq kaġun tal-COVID-19. Madankollu, l-ilmentatur pprova wkoll evidenza li l-produzzjoni u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqsu bi 28 % matul l-istess perjodu, iżda fl-istess waqt, l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ żdiedu minn madwar 10 % f'Marzu-Mejju 2019 għal madwar 12 % f'Marzu-Mejju 2020, żieda ta' 20 %. Għaldaqstant, meta mqabbla mal-konsum, l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu fil-perjodu minn Marzu sa Mejju 2020.
- (20) Fir-rigward tat-tieni metodoloġija, jiġifieri bil-kodiċi NM 7610 90 90 eskluż, it-talba kienet tinkludi evidenza li l-volumi tal-importazzjonijiet mir-RPĊ naqsu f'termini assoluti b'16 % f'Marzu sa Mejju 2020 meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2019. Kif jissemma aktar 'il fuq, l-industrija tal-Unjoni sofriet tnaqqis ta' 28 % fil-produzzjoni u l-bejgħ fir-rigward tal-prodott ikkonċernat. Dawn l-iżviluppi wasslu biex is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina żdied minn 4,9 % f'Marzu sa Mejju 2019 għal madwar 5,6 % f'Marzu sa Mejju 2020, żieda ta' 15 % f'termini relattivi.
- (21) Fir-rigward ta' din il-kundizzjoni, importatur mhux relatat oppona r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet mitluba u rrimarka li ż-żieda relattiva fl-importazzjonijiet mir-RPĊ irreġistrata f'Marzu sa Mejju 2020 jista' jkun minħabba l-fatt li l-attività ekonomika ta' dan il-pajjiż soffriet tħarbit u sskotat qabel dik tal-Unjoni. Skont l-istess importatur, daww il-kundizzjonijiet tas-suq straordinarji jaf iċċentivaw lill-importaturi jespandu l-livell tal-istokkijiet tagħhom, u jieħdu vantaġġ mill-kundizzjonijiet favorevoli tas-suq.
- (22) Fil-prinċipju, ma jistax jiġi eskluż li t-tempistika tat-tħarbit relatat mal-Covid-19 setgħet affettwat ċerti konsenji. Madankollu, perjodu taż-żmien ta' tliet xhur huwa twil biżżejjed biex jippermetti valutazzjoni sinifikanti tax-xejriet tal-importazzjonijiet, inkluż meta jitqiesu l-fatti u ċ-ċirkostanzi indikati mill-importatur. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li l-perjodu minn Marzu sa Mejju 2020 huwa rappreżentattiv biżżejjed għal din l-analiżi.
- (23) Barra minn hekk, l-istess importatur ressaq l-argument li, minħabba l-kundizzjonijiet favorevoli tas-suq, il-kumpaniji li kellhom biżżejjed mezzijiet finanzjarji setgħu żammew skorta tal-prodotti importati. Dan l-argument, jekk jiġi kkonfermat, ma jistax jikkostitwixxi raġuni għall-oppożizzjoni tar-reġistrazzjoni mitluba, iżda kuntrarjament, jispjega ulterjorment u għalhekk jikkonferma ż-żieda deskritta fl-importazzjonijiet, u b'hekk jiġġustifika r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet.
- (24) Produttur esportatur ukoll kien kontra t-talba għar-reġistrazzjoni. Skont dan il-produttur, mhuwiex korrett li jsir paragun bejn il-produzzjoni fl-Ewropa u l-importazzjonijiet, minħabba n-natura differenti taż-żewġ proċessi (industrijali vs kummerċjali). Madankollu, kif indikat fil-premessa (19), kemm il-produzzjoni kif ukoll il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqsu. Għaldaqstant, il-paragun tal-ishma mis-suq huwa fuq l-istess livell, jiġifieri l-bejgħ. Għalhekk, din l-argumentazzjoni kienet fattwalment żbaljata u għaldaqstant irrifjutata mill-Kummissjoni.

(?) Wara l-bidu, għall-kodiċijiet TARIC l-oħra msemmija fil-premessa 4 (7604 10 10 11, 7604 10 90 11, 7604 10 90 25, 7604 10 90 80, 7608 10 00 11, 7608 10 00 80), saru biss volumi negliġibbli ta' importazzjonijiet għall-prodott ikkonċernat.

- (25) L-istess produttur esportatur spjega wkoll li l-effetti tar-reċessjoni ekonomika x'aktarx wasslu biex il-produtturi esportaturi jikkonċentraw fuq is-suq domestiku. Minkejja dan, kif spjegat hawn fuq, l-importazzjonijiet mir-RPĊ żiedu s-sehem mis-suq ta' għom fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-istess produttur sostna wkoll li l-bejgħ tiegħu lejn l-Unjoni mhux oġġett ta' dumping u pprova evidenza tat-tnaqqis fil-volumi ta' bejgħ tiegħu lejn l-Unjoni fil-perjodu minn Marzu sa Mejju 2020. Madankollu, jenntiegħ li wieħed ifakkar li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni jenntiegħ li jiġu vverifikati fil-livell tas-suq tal-Unjoni kollu kemm hu u tal-importazzjonijiet kollha mir-RPĊ, u għal din ir-raġuni, il-volumi ta' bejgħ minn produtturi esportaturi individwali mhumiex rilevanti. Fl-aħħar nett, il-produttur esportatur ipprova argumenti li jirrigwardaw allegazzjoni ta' strateġija antikompetittiva tal-ilmentaturi li, madankollu, ukoll mhumiex rilevanti għal din l-analiżi.
- (26) Il-Kummissjoni, għalhekk, kienet tal-fehma li, fiż-żewġ xenarji, iċ-ċifri ta' hawn fuq, minkejja t-tnaqqis tal-prodotti importati f'termini assoluti minħabba ċ-ċirkostanzi tas-suq, ipprovdew evidenza ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet f'termini relattivi u għaldaqstant, ikkonkludiet li t-tieni kriterju tat-talba għar-reġistrazzjoni kien issodisfat ukoll.

### 3.3. L-imminar tal-effett ta' rimedju tad-dazju

- (27) Il-Kummissjoni għandha biżżejjed evidenza għad-dispożizzjoni tagħha li żieda kontinwata fl-importazzjonijiet mir-RPĊ bi prezzijiet li jkomplu jonqsu tikkaġuna dannu addizzjonali.
- (28) Kif stabbilit fil-premessi minn (19) sa (20), hemm biżżejjed evidenza li, biż-żewġ metodoloġiji kkunsidrati, l-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu ggwanjaw sehem mis-suq matul il-perjodu minn Marzu sa Mejju 2020 u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas minn madwar 78 % għal 74 % f'dan il-perjodu.
- (29) Barra minn hekk, it-talba kien fiha evidenza tal-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet miċ-Ċina. Din l-evidenza ġiet kontroverifikata mill-Kummissjoni mad-*data* miżmuma fil-fajl dwar il-każ. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet taħt il-ħames kodiċijiet taħt l-intestaturi 7604 u 7608 tbaxxa minn EUR 3 029 għal kull tunnellata f'Marzu sa Mejju 2019 għal EUR 3 010 għal kull tunnellata f'Marzu sa Mejju 2020, tnaqqis ta' 1 %. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet taħt is-sitt kodiċijiet NM (bl-użu tal-metodoloġija tal-ilment) żdied bi 3 % matul l-istess perjodu, minn EUR 2 994 għal kull tunnellata f'Marzu sa Mejju 2019 għal EUR 3 086 għal kull tunnellata. Dawn il-bidliet relattivament żgħir fil-prezzijiet jidher li qed jindikaw li l-pessjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata minn dawn l-importazzjonijiet għadha simili għall-pessjoni fuq il-prezzijiet imsemmija fl-ilment.
- (30) Barra minn hekk, meta wieħed iżomm f'moħħu li l-industrija tal-estrużjonijiet tal-aluminju għandha kostijiet fissi għoljin, huwa evidenti li tnaqqis fis-sehem mis-suq u fil-produzzjoni se jwassal għal tnaqqis fil-profitabbiltà matul il-perjodu minn Marzu sa Mejju 2020.
- (31) Dawn il-fatti juru li ż-żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet f'termini relattivi x'aktarx li se timmina serjament l-effett ta' rimedju tad-dazji li għandhom jiġu applikati. Huwa fil-fatt raġonevoli li wieħed jassumi li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jaf iżidu ulterjorment is-sehem mis-suq qabel l-adozzjoni ta' miżuri proviżorji, jekk ikun hemm, billi din tal-aħħar iseħħ lejn it-13 ta' Ottubru 2020 l-aktar tard.
- (32) Żieda ulterjuri bħal din fl-importazzjonijiet wara l-bidu tal-każ x'aktarx għalhekk li, fid-dawl tat-tempistika u tal-volum tagħha u ta' ċirkostanzi oħra (bħall-kapaċità żejda fir-RPĊ u l-komportament fir-rigward tal-ipprezzar tal-produtturi esportaturi Ċiniżi kif deskritt fl-ilment), timmina serjament l-effett ta' rimedju ta' kull dazju definittiv, sakemm tali dazju ma jiġix applikat b'mod retroattiv.
- (33) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tielet kriterju għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet kien issodisfat ukoll.

### 3.4. Konklużjoni

- (34) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm biżżejjed evidenza sabiex tiġġustifika li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ikunu soġġetti għar-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

#### 4. PROCĊEDURA

- (35) Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, bil-kundizzjoni li jagħmlu talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn dawn għandhom jinstemgħu.

#### 5. REĠISTRAZZJONI

- (36) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-reġistrazzjoni bl-iskop li jiżguraw li, f'każ li l-investigazzjoni tirriżulta f'konklużjonijiet li jwasslu għall-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping, dawk id-dazji jistgħu, jekk il-kundizzjonijiet neċessarji jkunu ssodisfati, jiġu imposti b'mod retroattiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli.
- (37) Kull responsabilità fil-futur tiġi mill-konklużjonijiet tal-investigazzjoni anti-dumping.
- (38) L-allegazzjonijiet fl-ilment li jitlob li jingħata bidu għal investigazzjoni anti-dumping jagħtu stima ta' marġni medju ta' dumping sa massimu ta' 37 % u livell medju ta' eliminazzjoni tad-dannu ta' l fuq minn 40 % għall-prodott ikkonċernat. Abbażi ta' dan, l-ammont ta' responsabbiltà possibbli fil-futur jista' jiġi stabbilit fil-livell tal-marġini ta' dumping allegat fl-ilment, jiġifieri sa massimu ta' 37 % *ad valorem* fuq il-valur ta' importazzjoni CIF tal-prodott ikkonċernat.

#### 6. PROCĊESSAR TA' DATA PERSONALI

- (39) Kwalunkwe *data* personali li tinġabar f'din l-investigazzjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

##### Artikolu 1

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' żbarri, vireg, profili (vojta jew le), tubi, pajpijiet; mhux immuntati; kemm jekk ippreparati għall-użu fi strutturi (eż. maqtugħin għall-qies, imtaqqbin, mgħawwġa, iċċanfrinati, bil-kamin); magħmula minn aluminju, legat jew le, li fi h mhux iktar minn 99,3 % ta' aluminju, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet ex 7604 10 10, ex 7604 10 90, 7604 21 00, 7604 29 10, 7604 29 90, ex 7608 10 00, 7608 20 81, 7608 20 89 u ex 7610 90 90 (il-kodiċijiet TARIC 7604 10 10 11, 7604 10 90 11, 7604 10 90 25, 7604 10 90 80, 7608 10 00 11, 7608 10 00 80, 7610 90 90 10) u joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Il-prodotti li ġejjin huma esklużi:

- (i) prodotti mehmużin (pereżempju b'iwildjar jew bi qfieli) biex jiffurmaw subassemblaġġi;
- (ii) tubi u pajpijiet iwweldjati;
- (iii) prodotti f'kit imballat bil-partijiet meħtieġa biex jiġi assemblat prodott finali mingħajr irfinar jew fabrikazzjoni ulterjuri tal-partijiet ("kit tal-oġġetti lesti").
2. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub, jipprovdu evidenza ta' sostenn jew jitolbu li jinstemgħu fi żmien 21 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(\* Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċizzjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Awwissu 2020.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---